VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,634, 6 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 293 tal-2016

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2016 dwar Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkunu stabbiliti l-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà għall-użu ta' apparat minn ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

L.S. 424.18

(3) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali", għandhom japplikaw kompletament għall-iskop kollu msemmi fis-subregolament (2), bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar stringenti u, jew speċifiċi li jinsabu f'dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"apparat tax-xogħol" tfisser kull magna, apparat, għodda jew stallazzjoni fuq ix-xogħol;

Kap. 424.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 8 ta' l-Att;

"ħaddiem espost" tfisser kull ħaddiem li jkun qieghed ghal kollox jew parzjalment f'żona ta' periklu;

"operatur" tfisser il-ħaddiem jew ħaddiema mogħtija l-biċċa xogħol li jużaw l-apparat tax-xogħol;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"persuna kompetenti" tfisser persuna li jkollha l-kwalifiki adegwati, taħriġ adattat u tagħrif, esperjenza u prattika suffiċjenti, biex twettaq mingħajr ħsara l-biċċa xogħol speċifika jew ix-xogħol meħtieġ;

"użu ta' apparat tax-xogħol" tfisser kull attività li tinvolvi apparat tax-xogħol bħall-istartjar u t-twaqqif tal-apparat, l-użu tiegħu, it-trasport, it-tiswija, il-modifika, il-manutenzjoni u *servicing*, inkluż partikolarment, it-tindif;

"żona ta' periklu" tfisser kull żona fi u, jew qrib apparat tax-xogħol li fih ħaddiem espost jista' jkun soġġett għal xi riskju għal saħħtu jew għas-sigurtà tiegħu.

Dmirijiet ta' min iħaddem - dmirijiet ġenerali.

3. (1) (a) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun ser jitwettaq jew adatti kif imiss għall-iskop u jkunu ser jintużaw mill-ħaddiema mingħajr periklu għas-sigurtà u għas-saħħa tagħhom.

(b) Fl-għażla tal-apparat tax-xogħol li huwa jipproponi li jintuża, min iħaddem għandu jagħti każ tal-kondizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-periki li jeżistu fl-intrapriża u, jew l-istabbiliment, b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, u, jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat inkwistjoni.

(2) Fejn ma jkunx għal kollox possibbli li jiġi hekk żgurat li l-apparat tax-xogħol jista' jintuża mingħajr riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimminimizza dawk ir-riskji.

Regoli dwar apparat tax-xogħol.

4. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, min iħaddem għandu jakkwista u, jew juża u, jew jippermetti li jintuża apparat tax-xogħol li ikun jaqbel mal-ħtigiet minimi stipulat f'dawn ir-regolamenti sakemm ebda provvediment leġislattiv ieħor ma jkun applikabbli jew ikun hekk biss applikabbli parzjalment.

(2) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu kollha, l-apparat tax-xogħol ikun qiegħed jinżamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata, f'tali livell li jkun jaqbel mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1).

Spezzjoni ta' apparat tax-xogħol.

5. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li fejn is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol tkun tiddependi fuq il-kondizzjonijiet tal-istallazzjoni, dak l-apparat għandu jkun soġġett għall-ispezzjoni tal-bidu (wara l-istallazzjoni u qabel ma jibda' jaħdem) u għal spezzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

wara l-assemblaġġ f'post ġdid jew f'lokalità ġdida minn persuni kompetenti, biex ikun żgurat li l-apparat tax-xogħol ikun ġie stallat sew u jkun qed jaħdem sew.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li apparat tax-xogħol espost għall-kondizzjonijiet li jikkawżaw deterjorament u li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ta' periklu, isirulu -

(a) spezzjonijiet perjodiċi u, meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti,

(b) spezzjonijiet speċjali minn persuni kompetenti kull darba li jseħħu ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-apparat tax-xogħol, bħal xogħol ta' modifika, inċidenti, fenomeni naturali jew perijodi twal ta' inattività,

sabiex ikun żgurat li jinżammu kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà u li d-deterjorazzjoni tkun tista' tinkixef u tiġi rimedjata fil-pront.

(3) Meta xi difett jinstab f'xi apparat tax-xogħol jew mezz ta' sigurtà b'xi eżami jew prova taħt dan ir-regolament u, fil-fehma tal-persuna kompetenti li tagħmel l-eżami u l-prova jew -

(a) l-imsemmi difett joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xoghol jew il-mezz ta' sigurtà (skond il-każ) m'għandux jintuża sakemm id-difett jitranġa;

(b) l-imsemmi difett jista' jkun li joħloq periklu lil persuni impjegati u minħabba f'hekk l-apparat tax-xoghol jew il-mezz ta' sigurtà (skond il-każ) m'għandux jintuża wara li jgħaddi perjodu speċifikat kemm-il darba l-imsemmi difett ma jitranġax,

dak id-difett għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jitlesta l-eżami u l-prova, jiġi avżat bil-miktub mill-persuna kompetenti lil min iħaddem u, fil-każ ta' difett li jaqa' taħt il-paragrafu (b), dak l-avviż għandu jinkludi l-perjodu li fih, fil-fehma tal-persuna kompetenti, id-difett għandu jitranġa.

(4) Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati minn min iħaddem u jinżammu għal perjodu minimu ta' sentejn.

(5) Meta jintuża apparat tax-xogħol barra mill-intrapriża dan għandu jkollu prova fiżika fuqu li l-aħħar spezzjoni meħtieġa li ssir b'dawn ir-regolamenti tkun fil-fatt saret.

(6) Kull *record* li joħroġ minn xi spezzjoni għandu jinżamm

VERŻJONI ELETTRONIKA

hekk li l-Awtorità tkun tista tarah meta titlob li tagħmel dan.

Apparat tax-xogħol li jinvolvi riskji speċifiċi.

6. Meta l-użu ta' apparat tax-xogħol ikun x'aktarx jinvolvi xi riskju speċifiku għas-sigurtà jew is-saħħa tal-ħaddiema, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li:

(a) l-użu tal-apparat tax-xogħol ikun ristrett għal dawk il-persuni li jkunu ngħataw l-inkarigu li jużawh;

(b) fil-każ ta' tiswijiet, modifikazzjonijiet, manutenzjoni jew *servicing*, ikunu l-ħaddiema involuti f'dak ix-xogħol li jiġu speċifikament imqabbda jagħmlu dak ix-xogħol.

Ergonomija u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

7. Għandu jingħata każ sew minn min iħaddem dwar il-mod kif wieħed joqgħod u fejn għandhom joqogħdu l-ħaddiema waqt li jkunu qegħdin jużaw apparat tax-xogħol u dwar il-prinċipji ergonomiċi, meta min iħaddem ikun qed japplika l-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà.

Informazzjoni lill-ħaddiema.

8. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżġura li l-ħaddiema jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni adegwata u, meta jkun meħtieġ, istruzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xogħol li jintuża f'xogħlhom.

(2) L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet bil-miktub għandu mill-inqas ikun fihom informazzjoni adegwata dwar is-saħħa u s-sigurtà:

(a) il-kondizzjonijiet tal-użu tal-apparat tax-xogħol,

(b) sitwazzjonijiet mhux normali prevedibbli,

(ċ) il-konklużjonijiet li tasal għalihom mill-esperjenza, meta jkun adatt, bl-użu tal-apparat tax-xogħol.

(3) Il-ħaddiema għandhom ikun mgħarrfa bil-perikli li jiffaċċaw, bl-apparat tax-xogħol li jinsab fl-inħawi jew fuq is-sit tax-xogħol, u b'kull bidla li tista' tolqothom, sakemm dan ikun jolqot l-apparat tax-xogħol li jinġieb fl-inħawi jew fuq is-sit tax-xogħol, fil-viċinanzi tagħhom, ukoll jekk huma ma jużawx dak l-apparat direttament.

(4) L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu jiftiehmu sew mill-ħaddiema involuti.

Taħriġ tal-ħaddiema.

9. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 14 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li:

(a) dawk il-ħaddiema li jingħataw l-inkarigu li jużaw apparat tax-xogħol, jingħataw taħriġ adegwat inkluż taħriġ dwar

VERŻJONI ELETTRONIKA

kull riskju li dak l-uzu jista' jkun jinvolvi, u

(b) il-ħaddiema msemmija fir-regolament 6(b) jirċievu taħriġ speċifiku adegwat.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

10. Il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u, jew tar-rappreżentanti tagħhom għandhom isiru skond ir-regolament 13 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar materji li jkopru dawn ir-regolamenti, inklużi l-Iskedi.

Fuq min taqa' l-prova.

11. F'kull proċediment għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sakemm dan ikun raġonevolement prattikabbli, ikun għall-akkużat li jkollu jġib prova, skond il-każ, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar dwar dak id-dmir jew rekwiżit, jew li ma kien hemm ebda mezz prattikabbli aħjar minn dak attwalment użat biex jiġi sodisfatt dak id-dmir jew rekwiżit.

Reati.

12. Kull persuna li xjentement jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li post tax-xogħol ikun wieħed sigur u san, tkun ħatja ta' reat.

Revoki u emendi konsegwenzjali.

13. (1) Il-leġislazzjoni li ġejja, jiġifieri -

(a) ir-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Makkinarju għax-Xogħol tal-Injam), L.S. 424.01

(b) ir-Regolamenti dwar is-Suprintendenza u l-Kontroll ta' Impjanti fil-Postijiet tax-Xogħol, L.S. 424.04

(ċ) ir-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Parankijiet u Liftijiet), L.S. 424.05

(d) ir-Regolamenti dwar il-*Boilers* ta' l-Istim u tal-Misħun, L.S. 424.07

(e) ir-Regolamenti dwar Preses li jaħdmu b'Mutur jew b'Forza Oħra, u L.S. 424.08

(f) ir-Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi għas-Sigurtà u s-Saħħa), L.S. 424.30

huma b'dawn revokati.

(2) Ir-regolamenti 3, 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11, 12 u tifsiriet ta' "ċinga", "makkinarju", "muturi primi" u "makkinarju trasmittenti" fir-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) huma b'dawn imħassra. L.S. 424.09

(3) Ir-regolament 18 ta' Regolamenti dwar Ħtiġijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol huwa b'dawn imħassar. L.S. 424.15

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA I

ĦTIĠIET MINIMI DWAR L-UŻU TA' APPARAT TAX-XOGĦOL

1. Kumment Ġenerali

L-obbligi stipulati f'din l-Iskeda japplikaw rigward id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti u fejn jeżistu r-riskji korrispondenti għall-apparat tax-xogħol inkwistjoni. Il-ħtiġiet minimi li ġejjin, sa fejn japplikaw għall-apparat tax-xogħol li jkunu qed jintuża, ma jeħtieġux neċessarjament l-istess miżuri bħall-ħtiġiet essenzjali rigward apparat tax-xogħol ġdid.

2. Ħtiġiet minimi ġenerali applikabbli għal apparat tax-xogħol

2.1. L-apparat tax-xogħol għandu jkun stallat, lokalizzat u użat b'tali mod li jkunu ridotti r-riskji lill-utenti tal-apparat tax-xogħol kif ukoll għall-ħaddiema l-oħra, pereżempju billi jiġi żgurat li jkun hemm spazju biżżejjed bejn il-partijiet li jiċċaqilqu tal-apparat tax-xogħol u dawk fissi jew li jiċċaqilqu fl-ambjent tiegħu u li l-forom kollha tal-enerġija u s-sustanzi użati jew prodotti jkunu jistgħu jiġu fornuti u, jew imneħħija mingħajr periklu.

2.2. L-apparat tax-xogħol għandu jkun imwaqqaf jew żarmat taħt kondizzjonijiet bla periklu, partikolarment billi jkunu osservati l-istruzzjonijiet kollha li jistgħu jkunu fornuti mill-fabbrikant.

2.3. L-apparat tax-xogħol li jista' jintlaqat mis-sajjetti waqt li jkun qed jintuża għandu jkun protett permezz ta' strumenti jew b'mezzi xierqa kontra l-effetti tas-sajjetti.

2.4. Strumenti tal-kontroll tal-apparat tax-xogħol li jolqtu s-sigurtà għandhom ikunu jidhru sewwa u jkunu identifikabbli u fejn hemm bżonn, jiġu mmarkati sewwa.

Minbarra fejn ikun hemm bżonn għal ċerti strumenti tal-kontroll, strumenti tal-kontroll għandhom ikunu allokati barra ż-żoni tal-perikolu u b'tali mod li l-operazzjoni tagħhom ma tikkawżax periklu addizzjonali. Ma għandhomx iwasslu għal xi periklu bħala riżultat ta' xi operazzjoni mhux intenzjonata.

Jekk ikun hemm bżonn, mill-pożizzjoni ewlenija tal-kontroll, l-operatur għandu jkun jista' jiżgura li ebda persuna ma tkun preżenti fiż-żoni perikoluż. Jekk dan ikun impossibbli, sistema sigura, bħal dik ta' sinjal tal-avviż li jinstema' u, jew li jidher, għandha tingħata awtomatikament kull meta l-makkinarju jkun ser jiġi startjat. Ħaddiem espost għandu jkollu ħin biżżejjed u, jew il-mezzi biex jevita malajr il-perikli kkawżati mill-istartjar u, jew it-tifi tal-apparat tax-xogħol.

Sistemi ta' kontroll għandhom ikunu siguri u għandhom jintgħażlu b'mod li jittieħdu f'konsiderazzjoni l-ħsarat, difetti u limitazzjonijiet li huma mistennija fiċ-ċirkostanzi ppjanati ta' użu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2.5. Għandu jkun possibbli li l-apparat tax-xogħol ikun startjat b'azzjoni deliberata fuq kontroll ipprovdut għal tal-apposta.

L-istess għandu japplika:

- biex dan ikun startjat mill-ġdid wara xi waqfien għal liema raġuni tkun

- għall-kontroll ta' bdil sinifikanti fil-kondizzjonijiet tal-operazzjoni (pereżempju, veloċità, pressjoni, eċċ.),

sakemm tali startjar mill-ġdid ma jassoġġettax lill-ħaddiema li jkunu esposti għal xi periklu.

Il-bżonn ma japplikax għall-istartjar mill-ġdid jew bdil fil-kondizzjonijiet tal-operazzjoni bħala riżultat ta' ċiklu normali tat-tħaddim ta' xi strument awtomatiku.

2.6. L-apparat tax-xogħol kollu għandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqfu kompletament u b'sigurtà. Kull stazzjon tax-xogħol għandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqaf l-apparat tax-xogħol parzjalment jew kollu kemm hu, skond it-tip ta' periklu, sabiex l-apparat ikun fi stat sigur. Il-kontroll tal-waqfien tal-apparat għandu jkollu prijorità fuq il-kontroll tal-istartjar. Meta l-apparat tax-xogħol jew il-partijiet perikoluż tiegħu jkunu waqfu, il-forniment ta' enerġija lill-attivaturi tal-apparat għandu jintefa'.

2.7. Meta jkun hekk adatt, u jiddependi mill-perikli li jippreżenta l-apparat u l-ħin tal-waqfien normali tiegħu, l-apparat tax-xogħol għandu jkun armat bi strument ta' waqfien ta' emerġenza.

2.8. Apparat tax-xogħol li jippreżenta riskju dovut għal oġġetti jew projezzjonijiet li jistgħu jaqgħu għandu jkun armat bi strumenti ta' sigurtà adatti skont ir-riskju.

Apparat tax-xogħol li jippreżenta perikli dovuti għal emissjonijiet ta' gass, fwar, likwidi jew trab għandu jkun armat bil-konteniment adatt u, jew strumenti tal-estrazzjoni qrib is-sorsi tal-periklu.

2.9. Apparat tax-xogħol u partijiet ta' tali apparat għandhom, fejn hekk jeħtieg għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, ikunu stabilizzati permezz ta' ikklampjar jew xi mezzi oħra.

2.10. Fejn ikun hemm riskju ta' tiċrit jew disintegrazzjoni ta' partijiet tal-apparat tax-xogħol, li aktarx iwasslu għal periklu sinifikanti għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, għandhom jittieħdu miżuri ta' protezzjoni adatti.

2.11. Fejn ikun hemm riskju ta' kuntatt mekkaniku ma' partijiet jiċċaqilqu li jista' jwassal għal inċidenti, dawk il-partijiet għandhom ikunu pprovduti b'ħarsien jew strumenti li jevitaw aċċess għal żoni perikoluż jew biex iwaqqfu l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

movimenti ta' partijiet perikoluż qabel ma jintlaħqu ż-żoni perikoluż.

L-istrumenti ta' ħarsien u tal-protezzjoni għandhom:

- ikunu ta' kostruzzjoni robusta,

- ma jwasslux għal perikli addizzjonali,

- ma jkunux tax-xorta li jitwarrbu malajr jew li jsiru inoperattivi,

- ikunu qegħdin f'distanza suffiċjenti miż-żona perikoluża,

- ma jirrestringux aktar milli jkun meħtieġ il-vista taċ-ċiklu tal-operazzjoni tal-apparat,

- jippermettu l-operazzjonijiet meħtieġa biex ikunu armati jew mibdula partijiet u għal xogħol ta' manutenzjoni, u jirrestringu aċċess biss għall-inħawi fejn ikun ser jitwettaq ix-xogħol u, jekk ikun possibbli, mingħajr ma jitneħħa l-ħarsien jew strument għall-protezzjoni.

2.12 Inħawi u postijiet fejn ikun ser isir ix-xogħol fuq apparat tax-xogħol jew il manutenzjoni tiegħu għandhom ikunu mdawla sew skont l-operazzjoni li tkun ser titwettaq.

2.13 Partijiet tal-apparat tax-xogħol f'temperaturi għoljin jew baxxi ħafna għandhom, fejn ikun adatt, ikunu protetti biex ikun evitat kull riskju li l-ħaddiema jiġu f'kuntatt jew li jsibu ruħhom qrib ħafna tagħhom.

2.14. L-istrumenti tal-avviż fuq l-apparat tax-xogħol ma għandhomx ikunu ambigwi u jkunu hekk li wieħed jinduna bihom u jifhimhom malajr.

2.15. L-apparat tax-xogħol jista' jintuża biss għal operazzjonijiet u taħt kondizzjonijiet li dak l-apparat ikun adatt għalihom.

2.16. Għandu jkun possibbli li jitwettqu operazzjonijiet ta' manutenzjoni meta l-apparat ma jkunx qed jintuża. Jekk dan mhux possibbli, għandu jkun possibbli li jittieħdu miżuri protettivi adatti għat-twettiq ta' dawk l-operazzjonijiet jew biex dawk l-operazzjonijiet jitwettqu barra ż-żoni tal-periklu.

Jekk xi magna jkollha xi lloggjar tal-manutenzjoni, dan għandu jinżamm kif imiss.

2.17. L-apparat kollu tax-xogħol għandu jkun iffittjat b'mezzi identifikabbli b'mod ċar biex jiżolawh mis-sorsi kollha tiegħu tal-enerġija.

Il-konnessjoni mill-ġdid għandha tkun preżunta li ma timponi ebda riskju għall-ħaddiema konċernati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2.18. L-apparat tax-xogħol għandu jkollu s-sinjali u l-avviżi essenzjali biex jiżgura s-sigurtà tal-ħaddiema.

2.19. Il-ħaddiema għandu jkollhom il-mezzi tal-aċċess għal, u sabiex ikun possibbli li jibqgħu siguri fl-inħawi kollha meħtieġa għax-xogħol ta' produzzjoni, aġġustament u manutenzjoni.

2.20. L-apparat kollu tax-xogħol għandu jkun adatt biex jipproteġi lill-ħaddiema kontra r-riskju li l-apparat tax-xogħol jieħu n-nar jew jisħon iż-żejjed, jew jerħi xi gass, trab, likwidu, fwar jew sustanza oħra prodotti, użati u maħzuna fl-apparat tax- xogħol.

2.21. L-apparat kollu tax-xogħol għandu jkun adatt għall-prevenzjoni tar-riskju ta' xi esplużjoni tal-apparat tax-xogħol jew ta' sustanzi prodotti, użati u maħżuna fl-apparat tax-xogħol.

2.22. L-apparat kollu tax-xogħol għandu jkun adatt għall-protezzjoni ta' ħaddiema esposti kontra r-riskju ta' kuntatt dirett jew indirett mal-elettriku.

3. Ħtiġiet minimi addizzjonali applikabbli għal tipi speċifiċi ta' apparat tax-xogħol

3.1. Ħtiġiet minimi għal apparat tax-xogħol mobbli, kemm jekk imexxi lilu nnifsu kemm jekk le.

3.2. Apparat tax-xogħol li jmexxi lilu nnifsu għandu jinstaq biss minn ħaddiema li jkunu ġew imħarrġa apposta fis-sewqan bla periklu ta' tali apparat.

3.3. Kemm-il darba l-apparat tax-xogħol ikun miexi fl-inħawi tax-xogħol, għandhom isiru u jkunu segwiti regoli tat-traffiku kif imiss.

3.4. Għandhom jittieħdu miżuri organizzattivi sabiex ikun evitat li ħaddiema li jkunu għadejjin bil-mixi fl-inħawi tax-xogħol isibu ruħhom fl-inħawi fejn ikun qed jitħaddem apparat li jmexxi lilu nnifsu. Sakemm biss ix-xogħol ikun jista' jsir sewwa jekk fl-inħawi jkun hemm ħaddiema fuq saqajhom, allura għandhom jittieħdu miżuri adatti biex ikun evitat li huma jkorru b'dak l-apparat.

3.5. It-trasport tal-ħaddiema fuq apparat tax-xogħol imħaddem mekkanikament ikun awtorizzat biss fejn ikunu pprovduti faċilitajiet siguri daqstant. Kemm-il darba x-xogħol ikollu jsir waqt il-vjaġġ, il-veloċitajiet għandhom jiġu aġġustati kif ikun hemm bżonn.

3.6. Apparat tax-xogħol mobbli li jkollu magna tal-komb ustjoni ma jistax jintuża f'inħawi tax-xogħol kemm-il darba ma jiġux garantiti kwantitajiet suffiċjenti ta' arja li ma jippreżentaw ebda riskju ta' saħħa u sigurtà tal-ħaddiema.

4. Disposizzjonijiet li jirrigwardaw l-użu ta' apparat tax-xogħol għal irfigħ ta' tagħbijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

4.1 Konsiderazzjonijiet Ġenerali

4.2. Apparat tax-xogħol li jkunu mobbli jew li jista' jkun maħtut u li kien iddisinjat biex jerfa' t-tagħbijiet għandu jintuża b'tali mod li jiżgura l-istabbilità tal-apparat tax-xogħol waqt l-użu taħt kondizzjonijiet prevedibbli, waqt li tingħata konsiderazzjoni għan-natura tal-art.

4.3. Il-persuni jistgħu jittellgħu biss b'mezzi tal-apparat tax-xogħol u aċċessorji provduti għal dak il-għan.

Mingħajr prejudizju għall-Att u għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali, apparat tax-xogħol li mhux speċifikament iddisinjat għall-irfigħ ta' persuni jista' eċċezjonalment jintuża għal dan l-iskop, basta li tkun ittieħdet azzjoni xierqa biex tiżgura s-sigurtà skont il-leġislazzjoni nazzjonali u, jew il-prattika li tistipula superviżjoni xierqa.

Waqt li l-ħaddiema jkunu fuq apparat iddisinjat għall-irfigħ tat-tagħbija, il-pożizzjoni tal-kontroll għandha tkun immexxija minn persuna l-ħin kollu. Il-persuni li jkunu qed jintrefgħu għandu jkollhom mezzi ta' komunikazzjoni ta' min jorbot fuqhom. F'każ ta' periklu għandu jkun hemm mezzi ta' min jorbot fuqhom biex ikunu evakwati.

4.4. Sakemm ma jkunx hekk meħtieġ għall-operazzjoni effettiva tax-xogħol għandhom jittieħdu miżuri sabiex il-ħaddiema ma jkunux preżenti taħt tagħbijiet sospiżi fl-arja.

Ebda tagħbija ma għandha tkunu mgħoddija fuq postijiet tax-xogħol mhux protetti li normalment ikunu okkupati mill-ħaddiema. Fejn dan ikun il-każ, kemm-il darba x-xogħol ma jkunx jista' jitwettaq b'xi mod ieħor sew, allura għandhom ikunu stipulati u applikati proċeduri xierqa.

4.5. L-aċċessorji tal-irfigħ għandhom jintgħażlu skont il-funzjoni tat-tagħbijiet li jkunu ser jiġu mmaniġġati, il-punti tal-qbid, iċ-ċimi ta' attakkament u l-kondizzjonijiet atmosferiċi waqt li jitqiesu l-mod u l-konfigurazzjoni tal-irbit. Iċ-ċimi tal-aċċessorji tal-irfigħ għandhom ikunu mmarkati sewwa sabiex l-utenti jkunu jafu sewwa l-karatteristiċi tagħhom meta dawk iċ-ċimi ma jiżżarmawx wara l-użu.

4.6. L-aċċessorji tal-irfigħ għandhom ikunu maħżuna b'tali mod li ma tiġrilhomx ħsara u lanqas jitgħarrqu.

4.7. Apparat tax-xogħol għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati

4.8. Meta żewġ oġġetti jew iktar ta' apparat tax-xogħol li jintużaw għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati jkunu stallati jew armati fuq is-sit b'tali mod li r-radji tagħhom jidħlu wieħed fuq l-ieħor, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex tkun evitata xi ħabta bejn it-tagħbijiet u, jew il-partijiet tal-apparat tax-xogħol innifishom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

4.9. Meta jintuża apparat tax-xogħol mobbli għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati, għandhom jittieħdu miżuri biex ikun evitat li l-apparat imil, jinqaleb jew, jekk ikun meħtieġ, jimxi jew jiżloq. Għandu jsir iċċekkjar biex jiżgura li dawn il-miżuri isiru kif imiss.

4.10. Jekk operatur tal-apparat tax-xogħol iddisinjat għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati ma jkunx jista' josserva il-firxa kollha tat-tagħbija jew direttament jew b'mezzi ta' apparat awżiljarji li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, persuna kompetenti għandha tkun f'komunikazzjoni mal-operatur biex tiggwidah u għandhom jittieħdu miżuri organizzattivi biex ikunu evitati ħabtiet tat-tagħbija li jistgħu jipperikolaw lill-ħaddiema.

4.11. Ix-xogħol għandu jkun organizzat b'tali mod li meta ħaddiem ikun qed jorbot jew iħoll tagħbija b'idejh, dan ikun jista' jsir b'mod bla periklu, partikolarment permezz tal-ħaddiem li jżomm kontroll dirett jew indirett ta' l-apparat tax-xogħol.

4.12. L-operazzjonijiet kollha tal-irfigħ għandhom ikunu ppjanati sewwa, sorveljati sew u jsiru hekk li jipproteġu s-sigurtà tal-ħaddiema.

B'mod partikolari, jekk tagħbija jkollha tiġi merfugħa minn żewġ mezzi jew aktar ta' apparat tax-xogħol għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati fl-istess ħin, għandha tkun stabbilita u applikata proċedura li tiżgura kordinazzjoni tajba minnaħa tal-operaturi.

4.13. Jekk l-apparat tax-xogħol iddisinjat għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati ma jkunx jista' jżomm il-ħatfa tiegħu fuq it-tagħbija f'każ ta' qtugħ parzjali jew komplet tal-enerġija, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex tkun evitata l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji riżultanti.

Tagħbijiet imdendla ma għandhomx jitħallew mingħajr għassa sakemm l-aċċess għall-inħawi perikoluż ma jkunx ipprojbit u t-tagħbija ma tkunx imdendla b'mod sigur u tkun ukoll miżmuma b'mod sigur.

4.14. L-użu tal-apparat tax-xogħol fl-arja aperta ddisinjat għall-irfigħ ta' tagħbijiet mhux iggwidati għandu jitwaqqaf meta kondizzjonijiet tat-temp jiddeterjoraw b'tali mod li jipperikolaw l-użu bla periklu tal-apparat u jesponu l-ħaddiema għar-riskji. Miżuri ta' protezzjoni adegwati, partikolarment biex jevitaw li jinqaleb l-apparat tax-xogħol, għandhom jittieħdu biex ikunu evitati r-riskji għall-ħaddiema.

4.15. L-apparat tax-xogħol b'ħaddiema abbord għandu jkun armat b'tali mod li jnaqqas ir-riskji tal-ħaddiema waqt il-vjaġġ.

Dawk ir-riskji għandhom jinkludu r-riskju tal-kuntatt mar-roti jew mal-linji jew qbid minnhom.

4.16. Fejn qbid mhux mistenni tal-parti tas-sewqan bejn oġġett ta' apparat

VERŻJONI ELETTRONIKA

tax-xogħol mobbli u l-aċċessorji tiegħu u, jew xi ħaġa rmunkata jista' joħloq riskju speċifiku, tali apparat tax-xogħol għandu jkun armat jew adattat biex jevita l-imblukkar tal-partijiet tas-sewqan.

Fejn dak il-qbid ma jistax ikun evitat, għandha tittieħed kull miżura possibbli li tkun tevita kull effett ħażin fuq il-ħaddiema.

4.17. Meta *drive shafts* għat-trasmissjoni tal-enerġija bejn oġġetti mobbli ta' apparat tax-xogħol jistgħu jitħammġu jew tiġrilhom il-ħsara bit-tkaxkir mal-art, għandu jkun hemm il-faċilitajiet biex dawn ikunu jistgħu jissewwew.

4.18. Apparat tax-xogħol mobbli bil-ħaddiema abbord għandu jkun iddisinjat biex jirrestrinġi, taħt il-kondizzjonijiet attwali tal-użu, ir-riskji li jistgħu jinqalgħu jekk l-apparat tax-xogħol jinqaleb:

- jew permezz ta' struttura ta' protezzjoni li tiżgura li l-apparat ma jmilx b'iktar minn kwart ta' dawra, jew inkella

- bi struttura li tħalli spazju biżżejjed madwar il-ħaddiema abbord kemm il-darba jkun jista' jkompli jmil iktar minn kwart ta' dawra, jew

- b'xi apparat ieħor ta' effett ekwivalenti.

Dawn l-istrutturi ta' protezzjoni jistgħu jkunu parti integrali mill-apparat tax-xogħol.

Dawn l-istrutturi ta' protezzjoni mhumiex meħtieġa meta l-apparat tax-xogħol ikun stabilizzat waqt operazzjoni jew fejn id-disinn jagħmilha impossibbli li jkun hemm qlib.

Fejn ikun hemm riskju li jekk l-apparat jinqaleb ħaddiem abbord jista' jkun mgħaffeġ bejn partijiet tal-apparat tax-xogħol u l-art, għandha tkun installata sistema li ma tħallix il-ħaddiema abbord jinqalbu.

4.19. *Fork lift trucks* li jġorru ħaddiem wieħed jew aktar għandhom ikunu adattati jew armati biex jillimitaw ir-riskju li l-*fork lift truck* jinqaleb, bħal:

- bl-istallazzjoni ta' kabina għas-sewwieq, jew

- bi struttura li tevita li l-fork lift truck jinqaleb, jew

- bi struttura li tiżgura li, kemm-il darba l-*fork lift truck* jinqaleb ikun hemm wisa' biżżejjed bejn l-art u ċerti partijiet tal-*fork lift truck* għall-ħaddiema abbord, jew

- bi struttura li tipproteġi lill-ħaddiema fuq is-sedil tas-sewqan sabiex tevita li huma jitgħaffġu mill-partijiet tal-*fork lift truck* li jinqaleb.

VERŻJONI ELETTRONIKA

4.20 Apparat tax-xogħol li jmexxi lilu nnifsu li jista', meta jkun f'moviment, joħloq riskji għall-persuni, għandu jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet:

(a) l-apparat għandu jkollu l-faċilitajiet li jevitaw startjar mhux awtorizzat;

(b) għandu jkollu l-faċilitajiet xierqa biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' ħbit fejn ikun hemm iktar minn oġġett wieħed ta' xogħol miexi fuq il- linji fl-istess ħin;

(ċ) għandu jkun hemm strument biex jibbrejkja u jwaqqaf l-apparat. Meta l-ħtiġiet tas-sigurtà hekk jeħtieġu, għandu jkun hemm faċilitajiet ta' emerġenza mħaddma minn kontrolli faċilment aċċessibbli jew sistemi awtomatiċi biex l-apparat ikun ibbrejkjat u mwaqqaf fil-każ ta' ħsara fuq il-faċilità ewlenija;

(d) meta l-isfera tal-viżjoni diretta tas-sewwieq mhix adegwata biex jiżgura s-sigurtà, għandhom ikunu stallati strumenti awżiljarji adegwati biex itejbu l-viżibiltà;

(e) apparat tax-xogħol iddisinjat għall-użu bil-lejl jew f'postijiet mudlama għandu jkun armat bid-dwal meħtieġ biex jitwettaq ix-xogħol u għandha tiġi żgurata sigurtà biżżejjed għall-ħaddiema;

(f) apparat tax-xogħol li jikkostitwixxi periklu tan-nar, jew għalih waħdu jew għal dak li jkun qed jirmonka u, jew iġorr u li jista' jikkawża periklu għall-ħaddiema, għandu jkun armat b'tagħmir adegwat kontra n-nirien meta dak it-tagħmir ma jkunx fil-qrib biżżejjed fil-post tax-xogħol;

(g) apparat tax-xogħol ikkontrollat mill-bogħod (*remote controlled*) għandu jieqaf awtomatikament hekk kif joħroġ mill-isfera tal-kontroll tiegħu;

(h) apparat tax-xogħol ikkontrollat mill-bogħod (*remote controlled*) li f'kondizzjonijiet normali jista' jkabbar il-periklu ta' tgħaffiġ jew tal-impatt għandu jkun armat bi protezzjoni kontra dan ir-riskju, kemm-il darba ma jkunux preżenti apparati oħra biex jikkontrollaw ir-riskju tal-impatt.

4.21. Ħtiġiet minimi għal apparat tax-xogħol tal-irfigħ tat-tagħbijiet

4.22. Meta jkun stallat b'mod permanenti apparat tax-xogħol għall-irfigħ tat-tagħbija, is-saħħa u l-istabbiltà tiegħu għandha tkun żgurata billi jkunu ikkunsidrati, partikolarment, it-tagħbijiet li jkunu ser jintrefgħu u l-istress li ser jkun hemm fil- punti tal-muntaġġ u fejn jingħaqdu l-istrutturi.

4.23. Makkinarju għall-irfigħ tat-tagħbija għandu jkun immarkat b'mod ċar biex jindika t-tagħbija nominali tiegħu, u fejn xieraq tabella tat-tagħbija li tagħti t-tagħbija nominali għal kull konfigurazzjoni tal-makkinarju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Aċċessorji għall-irfigħ għandhom ikunu immarkati b'tali mod li jekk ikun possibbli jidentifikaw il-karatteristiċi essenzjali għall-użu sigur.

Apparat tax-xogħol li mhux iddisinjat biex jerfa' persuni imma li jista' jintuża għal hekk bi żball għandu jkun immarkat kif xieraq u b'mod ċar għal dak l-iskop.

4.24. Apparat tax-xogħol stallat permanentement għandu jkun stallat b'tali mod li jirriduċi r-riskju li t-tagħbija:

(a) tolqot lill-ħaddiema;

(b) titbandal perikolożament jew taqa' liberament;

(ċ) tintreħa bla ma wieħed ikun irid.

4.25. Apparat tax-xogħol biex jerfa' jew imexxi lill-ħaddiema għandu jkun tali li:

(a) jevita r-riskju, permezz ta' strumenti adatti, li l-kabina, jekk teżisti, taqa';

(b) jevita r-riskju li dak li qed jużah stess jaqa' mill-kabina, fejn din teżisti;

(ċ) jevita r-riskju li dak li qed jużah jitgħaffeġ, jinqabad jew jintlaqat, bla mistenni minn oġġetti;

(d) jiżgura li l-persuni maqbuda fil-kabina fil-każ ta' inċident ma jkunux esposti għall-periklu u li jistgħu jinħelsu.

Kemm-il darba minħabba f'raġunijiet inerenti fis-sit u differenzi fil-għoli, ir-riskji msemmija fis-subparagrafu (a) ma jkunux jistgħu jiġu evitati b'xi mezzi tas-sigurtà, għandu jkun stallat ħabel ta' sospensjoni ta' koeffiċjent ta' sigurtà aqwa u iċċekkjat f'kull jum tax-xogħol.

5. Disposizzjonijiet rigward l-użu tal-apparat tax-xogħol ipprovduti għal xogħol temporanju fl-għoli

5.1. Disposizzjonijiet ġenerali

5.2. Jekk, konformament mal-Att, mar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali, u ma' dawn ir-Regolamenti, xogħol temporanju fil-għoli ma jkunx jista' jitwettaq b'sigurtà u taħt kondizzjonijiet ergonomiċi xierqa minn wiċċ adatt, għandu jkun magħżul l-apparat tax-xogħol l-iktar adatt biex jiżgura u jżomm żguri l-kondizzjonijiet tax-xogħol. Miżuri ta' protezzjoni kollettiva għandhom jingħataw prijorità fuq miżuri ta' protezzjoni personali. Id-dimensjonijiet tal-apparat tax-xogħol għandhom ikunu jaqblu man-natura tax-

VERŻJONI ELETTRONIKA

xogħol li jkun ser jitwettaq u mal-istress prevedibbli u għandhom jippermettu mogħdija mingħajr periklu.

L-aħjar mezzi ta' aċċess għal postijiet tax-xogħol temporanji fil-għoli għandhom jintagħżlu skont il-frekwenza tal-mogħdija, l-għoli li ser jkun involut u t-tul tal-użu. L-għażla magħmula għandha tippermetti evakwazzjoni fil-każ ta' periklu imminenti. Mogħdija fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-mezzi tal-aċċess u l-pjattaforma, *decks* u *gangways* ma għandhiex twassal għal riskji addizzjonali ta' waqgħa.

5.3. Is-slielem jistgħu jintużaw biss bħala stazzjonijiet tax-xogħol fil-għoli taħt ċirkostanzi li fihom, kif indikat fil-paragrafu 5.2, l-użu ta' apparat tax-xogħol ieħor iktar żgur ma jkunx ġustifikat minħabba fil-livell baxx tar-riskju jew inkella minħabba fiż-żmien qasir tal-użu jew fatturi eżistenti fuq is-sit li min iħaddem ma jistax ibiddel.

5.4. Aċċess tal-ħabel u miżuri tekniċi pożizzjonali jistgħu jintużaw biss taħt ċirkostanzi fejn l-evalwazzjoni tar-riskju tindika li x-xogħol jista' jitwettaq b'sigurtà u fejn l-użu ta' apparat tax-xogħol ieħor iktar żgur ma jkunx ġustifikat.

Waqt li tittieħed f'konsiderazzjoni l-evalwazzjoni tar-riskju u partikolarment skont it-tul tal-biċċa xogħol u l-limitazzjonijiet erġonomiċi, għandu jiġi provdut sedil b'aċċessorji xierqa.

5.5. Skont it-tip tal-apparat tax-xogħol magħżul fuq bażi ta' dak li ntqal qabel, għandhom jiġu stabbiliti l-miżuri xierqa għall-minimizzar tar-riskji għall-ħaddiema inerenti f'dan it-tip ta' apparat. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jiġi pprovdut l-istallazzjoni ta' salvagwardji li jevitaw xi waqgħa. Dawn għandhom ikunu ta' konfigurazzjoni adatta u ta' saħħa biżżejjed biex jevitaw jew iżommu waqgħat mill-għoli u, sa fejn ikun possibbli, biex jevitaw li l-ħaddiema jweġgħu. Salvagwardji kollettivi biex jevitaw waqgħat jistgħu jkunu interrotti biss f'punti ta' aċċess bis-slielem jew turġien.

5.6. Meta l-eżekuzzjoni ta' biċċa xogħol partikolari tkun tinħtieġ li titneħħa temporanjament salvagwardja kollettiva biex ikunu evitati xi waqgħat, għandhom jittieħdu miżuri ta' sigurtà kompensatorji effettivi. Il-biċċa xogħol ma tistax issir sakemm ma jkunux ittieħdu dawk il-miżuri. Ladarba din il-biċċa xogħol titlesta, jew definitivvament inkella temporanjament, is-salvagwardji kollettivi biex ikunu evitati l-waqgħat għandhom ikunu stallati mill-ġdid.

5.7. Xogħol temporanju fil-għoli jista' jitwettaq biss meta l-kondizzjonijiet tat-temp ma jipperikolawx is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

5.8. Disposizzjonijiet speċifiċi rigward l-użu ta' slielem

5.9. Is-slielem għandhom jitqegħdu hekk li tkun żgurata l-istabbilità tagħhom waqt l-użu. Slielem li jinġarru għandhom jitwaqqfu fuq pjattaforma

VERŻJONI ELETTRONIKA

stabbli, b'saħħitha, ta' daqs adatt, u immobbli hekk li l-iskaluni jibqgħu orizzontali. Slielem sospiżi għandhom ikunu marbuta b'mod żgur u, bl-eċċezzjoni ta' slielem tal-ħabel, b'tali mod li ma jkunux jistgħu jitwarrbu u hekk li jkun evitat it-tbandil.

5.10. Is-saqajn ta' sellum li jinġarr ma għandhomx ikunu jistgħu jiżolqu waqt l-użu billi jkunu marbuta ma' paranti minn fuq jew minn taħt, permezz ta' strumenti li ma jiżolqux jew b'kull arranġament ieħor li jkollu l-istess effett. Slielem użati għall-aċċess għandhom ikunu twal biżżejjed li jisporġu suffiċjentament mill-pjattaforma tal-aċċess, sakemm ma jkunux ittieħdu miżuri li jiżguraw ħatfa soda tal-idejn. Slielem li jinterlokkjaw u slielem tal-estensjoni għandhom jintużaw b'tali mod li s-sezzjonijiet differenti jkunu evitati milli jimxu wieħed fuq l-ieħor. Slielem mobbli ma għandhomx ikunu jistgħu jimxu qabel ma wieħed jitla' fuqhom.

5.11. Is-slielem għandhom jintużaw b'tali mod li ħatfa soda tal-id li tkun sigura u appoġġ sigur, ikunu għad-disposizzjoni tal-ħaddiema l-ħin kollu. B'mod speċjali, jekk tagħbija tkun ser tinġarr bl-idejn fuq sellum, din għandha tippermetti ż-żamma ta' ħatfa tal-id soda u mingħajr periklu.

5.12. Dispożizzjonijiet speċifiċi rigward l-użu ta' *scaffolding* (pjattaformi)

5.13. Meta nota ta' kalkoli għall-pjattaformi magħżula ma tkunx disponibbli jew in-nota ma tkoprix l-arranġamenti strutturali kontemplati, kalkoli tal-istabblità u s-saħħa għandhom jitwettqu sakemm il-pjattaforma ma tkunx armata b'konformità mal-konfigurazzjoni *standard* ġeneralment magħrufa.

5.14. Skont il-komplessità tal-pjattaforma magħżula, għandhom isiru minn persuna kompetenti pjan ta' assemblaġġ, armar u żarmar. Din tista' tkun f'forma ta' pjan standardizzat, supplimentat minn dettalji speċifiċi tal-pjattaforma inkwistjoni.

5.15. Il-komponenti li jerfgħu l-piż tal-pjattaforma għandhom ikunu miżmuma milli jiżolqu, kemm permezz ta' attakkament mal-wiċċ li jkun jerfa' l-piż, provvediment għal apparat kontra ż-żliq jew kull mezz ieħor ta' effettività ekwivalenti, u l-wiċċ li jerfa' t-tagħbija li għandu jkollu kapaċità suffiċjenti. Għandu jiġi żgurat li l-pjattaforma tkun stabbli. Pjattaformi bir-roti għandhom ikunu mwaqqfa milli jimxu aċċidentalment waqt ix-xogħol fil-għoli permezz ta' apparat adatt.

5.16. Id-dimensjonijiet, il-forma u d-disinn tal-uċuh tal-pjattaformi għandhom ikunu adatti skont in-natura tax-xogħol li jkun ser jitwettaq u adatti għat-tagħbijiet li jkunu ser jinġarru u li jippermettu xogħol u mogħdija fis-sigurtà. L-uċuh tal-pjattaformi għandhom ikunu armati b'tali mod li l-komponenti tagħhom ma jkunux jistgħu jimxu f'użu normali. Ma għandu jkun hemm ebda xquq perikoluż bejn il-komponenti tal-wiċċ u s-salvagwardji kollettivi vertikali li jevitaw il-waqgħat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

5.17. Meta partijiet mill-pjattaformi ma jkunux lesti għall-użu, bħal f'waqt l-assemblaġġ, iż-żarmar jew alterazzjonijiet, dawn għandhom ikunu mmarkati sewwa b'sinjali ta' avviż ġenerali skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u jkunu delimitati b'mod adatt minn mezzi fiżiċi li jevitaw aċċess għaż-żona tal-periklu.

5.18. Il-pjattaformi jistgħu jintramaw, jiżżarmaw jew jinbidlu b'mod sostanzjali biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti u minn ħaddiema li jkunu rċevew taħriġ speċifiku u xieraq fl-operazzjonijiet previsti, b'konsiderazzjoni tar-risk ji speċifiċi, u iktar partikolari fi:

(a) il-ftehim tal-pjan għall-assemblaġġ, iż-żarmar jew l-alterazzjoni tal-pjattaforma konċernata;

(b) sigurtà waqt l-assemblaġġ, iż-żarmar jew l-alterazzjoni tal-pjattaforma konċernata;

(ċ) miżuri li jevitaw riskju li persuni jew oġġetti jaqgħu;

(d) miżuri ta' sigurtà fil-każ ta' bdil fil-kondizzjonijiet tat-temp li jistgħu jolqtu ħażin is-sigurtà tal-pjattaforma konċernata;

(e) tagħbijiet permissibbli;

(f) kull riskju ieħor li l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ, iż-żarmar u l-alterazzjoni hawn qabel imsemmija jistgħu jinvolvu.

Il-persuna li tissorvelja u l-ħaddiema konċernati għandu jkollhom il-pjan tal-assemblaġġ u ż-żarmar disponibbli imsemmi fil-paragrafu 5.14, inklużi l-istruzzjonijiet li jista' jkun fih.

6. Disposizzjonijiet speċifiċi rigward l-użu ta' aċċess tal-ħabel u miżuri ta' teknika pożizzjonali

L-użu ta' aċċess tal-ħabel u miżuri ta' teknika pożizzjonali għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sistema għandha tinkludi tal-inqas żewġ ħbula tal-ankoraġġ separati, wieħed bħala mezz ta' aċċess, l-inżul u l-appoġġ (ħabel tax-xogħol) u l-ieħor biex jintuża f'każ ta' bżonn (ħabel tas-sigurtà);

(b) il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti bl-użu ta' arness xieraq u jkunu marbuta biha mal-ħabel tas-sigurtà;

(ċ) il-ħabel tas-sigurtà għandu jkun armat b'mezzi siguri għat-tlugħ u l-inżul u jkollhom sistema *self-locking* biex ikun evitat li l-utent jaqa' kemm-il darba jitlef il-kontroll tal-movimenti tiegħu. Il-ħabel tas-sigurtà għandu jkun armat b'sistema mobbli ta' prevenzjoni kontra l-waqgħat li

VERŻJONI ELETTRONIKA

ssegwi l-movimenti tal-ħaddiem;

(d) l-għodod u l-aċċessorji l-oħra li jkunu ser jintużaw mill-ħaddiem għandhom ikunu marbuta mal-arness tal-ħaddiem jew mas-sedil jew ma' xi mezzi oħra xierqa;

(e) ix-xogħol għandu jkun ippjanat sewwa u sorveljat, sabiex il-ħaddiem ikun jista' jiġi immedjatament salvat f'emerġenza;

(f) il-ħaddiema konċernati għandhom jingħataw taħriġ adegwat speċifiku mal-operazzjonijiet maħsuba, partikolarment il-proċeduri tas-salvataġġ.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn, minħabba fl-evalwazzjoni tar-riskji, l-użu tat-tieni ħabel għandu mnejn jirrendi x-xogħol iktar perikoluż, l-użu ta' ħabel wieħed jista' jkun permess, basta li jkunu ttieħdu miżuri xierqa li jiżguraw livelli adegwati ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

7. Skali mobbli (*escalators*) u *Moving Walkways*

7.1. Kull minn iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżgura li skali mobbli u *moving walkways*:

(a) jaħdmu mingħajr periklu;

(b) ikollhom kull apparat xieraq ta' sigurtà;

(ċ) ikollhom apparat ta' qtugħ f'emerġenza, liema apparat ikun jidher u jkun aċċessibbli faċilment;

(d) issirilhom manutenzjoni kif imiss, u jiġu eżaminati u ċċertifikati kull sitt xhur minn inġinier mekkaniku bil-*warrant*.

7.2. Min iħaddem għandu jibgħat lil-Awtorità rapport tal-eżami, magħmul mill-inġinier skont dak li hawn aktar qabel imsemmi, fi żmien mhux aktar minn ħmistax-il ġurnata tax-xogħoI mid-data ta' meta jsir l-eżami.

8. Disposizzjonijiet riġward l-eżami ta' *Boilers* tal-Istim

8.1. Kull *boiler* tal-istim u l-*fittings* u t-tagħmir kollu tiegħu għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa, għall-anqas darba kull tnax-il xahar kif ukoll wara li jsirulhom xi tiswijiet kbar, minn persuna kompetenti.

8.2. (a) Kull eżami li għandu jsir skont il-paragrafu 8.1 għandu jsir wara li jkun ingħata avviż ta' jumejn lil min iħaddem u jkun magħmul, l-ewwelnett, f'eżami tal-*boiler* meta jkun kiesaħ u 'l ġewwa u 'l barra tiegħu jkunu mħejjija b'dak il-mod li jista' jiġi ordnat mil-persuna kompetenti, u imbagħad, ħlief fil-każ ta' ekonomizzatur jew *superheater*, f'eżami waqt li jkun taħt pressjoni tal-istim

VERŻJONI ELETTRONIKA

normali, iżda ż-żewġ partijiet tal-eżami jistgħu jsiru minn eżaminaturi differenti.

(b) L-eżami ta' *boilers* taħt pressjoni ta' stim għandu jsir meta l-istim jiġi mgħolli l-ewwel darba wara li jsir l-eżami tal-*boiler* meta jkun kiesaħ, jew kemm jista' jkun malajr wara, u l-persuna li tagħmel dak l-eżami għandha tara li s-*safety valve* jkun hekk aġġustat li ma jħallix il-*boiler* jaħdem bi pressjoni akbar mill-ogħla pressjoni permessa fit-tħaddim.

8.3. Meta r-rapport ta' xi eżami li jsir skont dawn ir-regolamenti jispeċifika l-kondizzjonijiet sabiex dak il-*boiler* tal-istim jaħdem mingħajr periklu, dak il-*boiler* m'għandux jintuża ħlief skont dawk il-kondizzjonijiet.

SKEDA II

LIFTIJIET GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA

Parti 1 - Liftijiet għat-trasport ta' Merkanzija

1.1. Kull lift għat-trasport ta' merkanzija għandu jkun ta' kostruzzjoni mekkanika tajba, ta' materjal tajjeb u ta' saħħa xierqa, u għandu jkun miżmum kif imiss.

1.2. Kull lift għat-trasport ta' merkanzija għandu jkun eżaminat sewwa minn persuna kompetenti darba f'kull perijodu ta' sitt xhur:

Iżda ebda persuna ma għandha titqies li tkun persuna kompetenti għall-finijiet ta' dan is-subregolament jekk ma jkollhiex *warrant* fl-Inġinerija Mekkanika jew Elettrika.

1.3. Kull sid jew okkupant ta' kull post tax-xogħol għandu jara lil-lift għat-trasport ta' merkanzija hemmhekk installat jiġi eżaminat minn persuna kompetenti kif previst fil-paragrafu 1.2 u għandu jibgħat lill-Awtorità rapport ta' dak l-eżami, magħmul minn dik il-persuna kompetenti sabiex jasal għand l-Awtorità mhux iktar tard minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data li fiha jkollu jsir l-eżami. Ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjon minima li tidher fil-Parti 2 ta' din l-Iskeda.

1.4. Kull sid jew okkupant kif intqal qabel għandu jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjoni ta' partijiet tal-lift għat-trasport ta' merkanzija dikjarati mill-persuna kompetenti li huma meħtieġa għall-użu bla periklu tal-lift għat-trasport ta' merkanzija, għandhom isiru bla dewmien u mhux iktar tard miż-żmien avżat fir-rapport tal-eżami.

1.5. Kull passaġġ ta' lift għat-trasport ta' merkanzija għandu jkun protett b'mod effiċjenti b'reċint materjali mgħammar b'kanċelli, li jkun reċint tali li jevita, meta l-kanċelli jkunu magħluqa, li xi persuna taqa' 'l isfel mill-passaġġ jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

li tiġi f'kuntatt ma' xi parti li tiċċaqlaq tal-lift għat-trasport ta' merkanzija.

1.6. Kull kanċell bħal dak imsemmi fil-paragrafu 1.5 għandu jkollu tiskir kombinat jew apparati oħra effiċjenti biex jiżguraw li l-kanċell ma jkunx jista' jinfetaħ ħlief meta l-kabina jew il-pjattaforma tkun fil-post għal dħul fiha u li l-kabina jew il-pjattaforma ma jkunux jistgħu jiċċaqilqu mill-post għal dħul fiha qabel ma jingħalaq il-kanċell.

1.7. Kull lift għat-trasport ta' merkanzija u kull reċint bħal dak imsemmi qabel għandu jkun hekk kostruwit sabiex jiġi evitat li xi parti minn xi persuna jew xi oġġetti li jkunu qegħda fil-lift għat-trasport ta' merkanzija jinqabdu bejn xi parti tal-lift u xi struttura fissa jew bejn il-kontrapiż u xi parti oħra li tiċċaqlaq tal-lift.

1.8. Għandu jkun hemm f'post fejn jidher ċar fuq kull lift għat-trasport ta' merkanzija t-tagħbija massima ta' xogħol li tista' tinġarr b'sigurezza u ebda tagħbija akbar minn dik it-tagħbija ma għandha tinġarr fuq xi lift għat-trasport ta' merkanzija.

1.9. Kull apertura ta' lift għat-trasport ta' merkanzija jew passaġġ ta' bieb bħal dak użat għall-irfigħ jew għat-tniżżil ta' oġġetti jew materjali, sew b'saħħa mekkanika sew xort'oħra, għandha tkun riparata b'sigurezza, u għandha tkun provduta b'qabda soda f'kull naħa tal-apertura jew passaġġ tal-bieb. L-irpar għandu jinżamm kif imiss u, ħlief meta jkun qed isir l-irfigħ jew tniżżil ta' oġġetti jew materjali fl-apertura jew fil-passaġġ tal-bieb, għandu jinżamm f'postu.

Parti 2 - Informazzjoni Minima għar-Rapport ta' Eżami ta' Lift għat-Trasport ta' Merkanzija

Dettalji tal-okkupant jew Sid il-fond

Indirizz fejn il-lift installat

1. (a) Tip ta' lift għat-trasport ta' merkanzija u numru ta' identifikazzjoni u deskrizzjoni.

(b) Data ta' kostruzzjoni jew rikostruzzjoni (jekk tista' tiġi żgurata)

2. Mudell u Kostruzzjoni

Il-partijiet kollha tal-lift għat-trasport ta' merkanzija huma ta' kostruzzjoni mekkanika tajba, ta' materjal tajjeb u ta' saħħa xierqa (safejn jista' jiġi żgurat)?

3. Manutenzjoni

Il-partijiet li ġejjin tal-lift għat-trasport ta' merkanzija huma miżmuma kif imiss u fi stat li jaħdmu tajjeb? Jekk le, għid x'difetti nstabu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) Reċint tal-passaġġ tal-lift għat-trasport ta' merkanzija

(b) Kanċelli tal-post għal dħul u kanċelli tal-kabina.

(ċ) Tiskir kombinat fil-kanċelli tal-post għal dħul u kanċelli tal-kabina.

(d) Tiskir ieħor tal-kanċell.

(e) Kabina jew pjattaforma u *fittings*, irpari tal-kabina, *buffers*, intern tal-passaġġ tal-parank jew passaġġ tal-lift.

(f) Apparati għal veloċità żejda.

(g) Ħbula u ktajjen ta' dendil, u oġġetti mwaħħla magħhom.

(h) Makkinarju ta' sigurezza, i.e. arranġamenti biex tiġi evitata waqa' tal-pjattaforma jew tal-kabina.

(i) Brejkijiet.

(j) *Worm* jew *spur gearing*.

(k) Tagħmir ieħor elettriku.

(l) Partijiet oħra.

4. Liema partijiet (jekk kien hemm) ma kienux aċċessibbli.

5. Tiswijiet, tiġdid jew tibdil meħtieġa biex il-lift ikun jista' jkompli jiġi wżat b'sigurezza -

(a) minnufih

(b) għeluq żmien speċifikat, dan iż-żmien għandu jiġi dikjarat

6. Id-difetti (ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 5 ta' hawn fuq) li jeħtieġu attenzjoni.

7. It-tagħbija massima ta' xogħol żgura suġġetta għal tiswijiet, tiġdid jew tibdil (jekk ikun hemm) speċifikati fil-paragrafu 5.

8. Osservazzjonijiet oħra.

9. Dettalji tal-persuna kompetenti

Isem u Kunjom

Firma

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kwalifika u Numru tal-*Warrant*

Indirizz

Data

NOTA

Dawn ir-Regolamenti jipprovdu li kull lift għat-trasport ta' merkanzija għandu jkun eżaminat bir-reqqa minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull perjodu ta' sitt xhur.

SKEDA III

AĊĊESSORJI U MAKKINARJU LI JINTUŻA ĠĦALL-IRFIGĦ

1. Aċċessorji ġħall-irfigħ

1.1. Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jitħarsu għar-rigward ta' kull katina, ħabel jew parank li jkunu użati sabiex jittellgħu jew jitniżżlu nies, oġġetti jew materjali:

(a) ebda katina, ħabel jew parank ma għandu jintuża jekk dan ma jkunx ta' għamla tajba, materjal solidu, ikollu saħħa biżżejjed u jkun ħieles minn xi difett privattiv;

(b) bla ħsara għall-paragrafu 1.2, għandu jkun hemm tabella li turi l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż ta' kull xorta u qies ta' katina, ħabel jew parank li jkunu qed jintużaw, u, fil-każ ta' braga, l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqegħdin f'angoli differenti, liema tabella għandha titwaħħal fil-post fejn jinżammu l-ktajjen, ħbula jew parank u f'pożizzjonijiet prominenti fil-fond tax-xogħol, u ma għandhomx jintużaw ebda katina, ħabel jew parank li ma jkunux hekk indikati fit-tabella;

(ċ) ebda katina, ħabel jew parank ma għandhom jintużaw għal xi piż li jkun jaqbeż l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri fit-tabella msemmija fis-subparagrafu (b) jew kif indikat bħalma hu msemmi fil-paragrafu 1.2;

(d) il-ktajjen, ħbula u parank kollha li jkunu qed jintużaw għandhom ikunu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull sitt xhur jew f'dawk il-perjodi aktar twal li jistgħu jiġu stipulati;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) ebda katina, ħabel jew parank, minbarra ħabel tal-fibra jew braga tal-fibra, ma għandhom jitpoġġew ġewwa post tax-xogħol għall-użu għall-ewwel darba f'dak il-post tax-xogħol ħlief jekk dawn ma jkunux ġew ippruvati w eżaminati sew minn persuna kompetenti, u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jkun jispeċifika l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż li jkun ġie ffirmat minn min ikun għamel il- prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat jinżamm disponibbli biex jiġi spezzjonat;

(f) għandu jinżamm reġistru li jitniżżlu fih il-partikolaritajiet kollha stipulati għar-rigward ta' dawk il-ktajjen, ħbula jew paranki, ħlief għall-bragi tal-fibra.

1.2. Il-paragrafu 1.1(b) ma jgħoddx għar-rigward ta' xi parank, jekk l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż tiegħu, jew, fil-każ ta' braga, l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż meta s-saqajn ikunu mqeghdin f 'angoli differenti, huwa indikat biċ-ċar fuqhom.

1.3. F'dan ir-regolament, "parank" tinkludi, iżda mhux ristretta għal, bragi tal-ktajjen u tal-ħbula, anelli, ganċijiet, xkiel u buzzelli.

2. Makkinarju li jintuża għall-irfigħ

2.1. Kull biċċa u kull makkinarju, kemm jekk fissi jew li jiċċaqalqu, inkluż l-apparat għall-ankrar jew biex jinżamm oġġett sod, ta' kull magna li tintuża għall-irfigħ, għandhom ikunu ta' għamla tajba, materjal solidu, saħħa biżżejjed u ħelsien minn xi difett privattiv, u għandhom ukoll jinżammu sew.

2.2. Dawk il-biċċiet kollha u makkinarju kollu għandhom jiġu eżaminati sew minn persuna kompetenti mill-anqas darba kull perjodu ta' tnax-il xahar; fil-każ li l-makkinarju jew l-aċċessorji tagħhom jintużaw biex jerfgħu persuni, dawn għandhom jiġu eżaminati mill-inqas darba kull perjodu ta' sitt xhur. Kopja taċ-ċertifikat tal-eżami għandha takkompanja l-magna li tintuża għall-irfigħ fuq il-post tax-xogħol fejn tkun qed tintuża u dan iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli biex jiġi spezzjonat.

Meta jirriżulta mill-eżami li l-magna li tintuża għall-irfigħ jew l-aċċessorji tagħha ma tistax tkompli tintuża mingħajr periklu kemm-il darba ma jsirulhiex tiswijiet immedjati jew fi żmien stabbilit, min jagħmel ir-rapport għandu minnufih jibgħat kopja tar-rapport lill-Awtorità.

Kull sid jew min iħaddem għandu jiżgura li kull tiswija, tiġdid jew alterazzjonijiet fuq il-magna li tintuża għall-irfigħ jew fuq l-aċċessorji tagħha skont m'huma dikjarati mill-persuna kompetenti biex tintuża mingħajr periklu, għandhom isiru minnufih jew fiż-żmien indikat fir-rapport tal-persuna kompetenti, skond il-każ.

2.3. Il-binarji kollha li jgħaddi minn fuqhom krejn li jimxi u kull linja tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ħadid li minn fuqha jgħaddu karru ta' trasportatur jew korsa tal-ħadid mnejn jgħaddi l-krejn, għandu jkollhom qies sew u saħħa adegwata u l-wiċċ ta' fuq tagħhom għandu jkun għal kollox lixx; u kemm dawn il-binarji jew linji tal-ħadid għandhom jitqegħdu sew, ikollhom support jew sospensjoni adegwati u jkunu miżmumin sew.

2.4. Għandu jkun hemm indikat ċar fuq kull magna li tintuża għall-irfigħ l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż, ħlief li fil-każ ta' krejn bil-*jib* li jkun hekk magħmul li l-akbar piż li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż jista' jiġi varjat bit-tlugħ jew inżul tal-*jib* tiegħu, jew moviment tal-karru, dan għandu jkollu mwaħħal miegħu indikatur awtomatiku li juri l-akbar piżijiet li jinfelħu b'mod mhux perikoluż jew tabella li tkun turi l-akbar piżijiet li jinfelħu mingħajr periklu f'inklinazjonijiet korrispondenti tal-*jib* jew raġġi korrispondenti tal-piż.

2.5. Ebda magna li tintuża għall-irfigħ ma għandha, ħlief għall-għan ta' xi prova, tkun mgħobbija b'piż akbar minn dak li jinfelaħ b'mod mhux perikoluż kif muri jew indikat fil-paragrafu 2.4.

2.6. Ebda makna li tintuża għall-irfigħ ma għandha tittieħed għall-użu ġewwa post tax-xogħol għall-ewwel darba f'dak il-post tax-xogħol jekk ma tkunx ġiet ippruvata u jekk dawk il-biċċiet kollha u l-makkinarju kollu tal-magna imsemmijin fil-paragrafu 2.1 ma jkunux ġew eżaminati sew minn persuna kompetenti u jkun inħareġ ċertifikat tal-prova u tal-eżami li jispeċifika l-akbar piż jew piżijiet li jinfelħu mill-magna b'mod mhux perikoluż li jkun iffirmat minn min ikun għamel il-prova u l-eżami, u dan iċ-ċertifikat ikun disponibbli biex jiġi spezzjonat.

2.7. Meta persuna tkun impjegata jew qiegħda taħdem fuq jew ħdejn il-pista tar-rota ta' krejn li jiddendel minn fuq f'xi mkien fejn ikun jista' jintlaqat mill-krejn, għandhom jittieħdu miżuri effettivi billi jiġi avżat is-sewwieq tal-krejn jew b'xi mod ieħor sabiex jiġi żgurat li l-krejn ma jersaqx aktar qrib minn seba' metri minn dak l-imkien.

2.8. Meta wieħed ikun impjegat jew qiegħed jaħdem f'imkien 'il fuq mill-livell tal-art fejn ikun jista' jintlaqat minn krejn li jiddendel minn fuq, jew minn xi tagħbija li jkun qed tinġarr minn dan il-krejn, għandhom jittieħdu miżuri effettivi sabiex huwa jiġi avżat bir-resqien lejh tal-krejn, ħlief jekk xogħolu huwa daqstant konness jew jiddependi miċ-ċaqlieq tal-krejn li ma jkunx meħtieġ li jingħata avviż bħal dan.

2.9. F'dan ir-regolament "magna li tintuża għall-irfigħ" tinkludi, iżda mhux ristretta għal, kull tip ta' krejn, grabja, winċ, gruwa, blokka tat-tarjola, rota tal-parank, trasportatur, korsa tal-ħadid mnejn jgħaddi l-krejn, *scissor lift*, *overhead* krejn, *tower basket*, apparat li jtella' l-vetturi, *mobile elevated working platform*, trakk li jtella' bil-frieket (*fork lift truck*), pjattaformi u gaġeġ li jtellgħu, ħojst mingħajr gaġġa jew pjattaforma u gwidi, u l-aċċessorji tagħhom.